MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 924/2007

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Mary Rose Lucas, Tammy Borg, Elizabeth Desira, Mary Barthet, Diane Agius, Alfred Camilleri u Mark Scerri skond il-ligi u l-polza (T068406)**
**vs**

**Bargain Holidays Limited proprio et nomine u ezercenti l-kummerc taht l-isem BritishJet.com kif ukoll bhala agent ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera BritishJet.com in solidum bejniethom**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ erba’ mija u hamsa u hamsin Euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€455.21), gja’ mija u hamsa u disghin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm195.42),

rapprezentanti taxxa mhallsa mill-assigurati lis-socjeta' konvenuta ghal vjaggi li eventwalment gew ikkancellati u ghalhekk ghandhom jigu rifuzi lill-attrici li kkumpensat lill-assigurati taghha, u b'hekk giet issurrogata fid-drittijiet taghhom.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ssollevata mil-konvenuti *pro et nomine* fejn qalu illi l-pretensjonijiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghas-segwenti raguni:

1) Preliminarjament jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittimu kuntradittur stante li mhix agent u m'ghandhiex ir-rappresentanza tad-ditta estera BritishJet.com u ghalhekk mhix garanti *in solidum* tas-socjeta' estera BritishJet.com;
2) Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta *qua,* li ghandha tali rappresentanza u/jew li hija agent tal-BritishJet.com, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3) Illi in oltre u bla pregudizzju ghal premess, is-socjeta' konvenuta Bargain Holidays Limited hija socjeta' li tiggestixxi agenzija tal-ivjaggar, ma ghandha ebda linja ta' l-ajru, ghalhekk mhux responsabbli ghal tali allegat pagament.
4) Illi s-socjeta' BritishJet.com hija '*trading name'* tal-linja tal-ajru 'Hello AG', kumpanija tal-ajru registrata barra minn Malta u li ghalhekk l-'*airline'* responsabbli semmaj ghal tali hlas;
5) Illi in oltre u bla pregudizzju ghal premess, stante li l-atturi ma taw ebda indikazzjoni taz-zmien meta l-allegat ammont huwa dovut huwa preskritt u ghalhekk m'huwiex dovut;
6) Illi l-kundizzjonijiet tax-xiri tal-biljett juru li ma hemm ebda dritt ta' rifuzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhix tbati l-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema' x-xhieda ta' John Galdes u Albert sive Robby Borg.

Ra n-noti tas-sottomisjonijiet tal-partijiet

Ikkunsidra

Mill-provi prodotti, din il-kawza titratta fil-mertu dwar rifuzjoni ta' taxxa lill-Gvern ta' pajjiz ghal xiri ta' biljetti tal-ajru, liema biljetti tal-ajru ma ntuzawx mill-klijenti tas-socjeta' attrici. Illi, inoltre gew eccepiti zewg (2) eccezjonijiet ta' natura legali - wahda dwar il-legittimu kuntradittur, u l-ohra ta' preskrizzjoni. Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, t-Tribunal jirrilleva illi s-socjeta' konvenuta qatt ma indikat taht liema artiklu qieghda tibbaza l-eccezzjoni taghha. Illi mill-provi jirrizulta illi dawn il-biljetti kellhom jintuzaw bejn Settembru u Dicembru tal-2006. Illi s-socjeta' konvenuta qatt ma indikat taht liema artiklu qieghda tibbaza l-eccezjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-kawza qieghda ssir mis-socjeta' attrici, kif surrogata fid-drittijiet ta' seba' (7) individwi li kienu hargu polza t' assikurazzjoni fuq vjagg. Sussegwentement inghad illi xi vjaggi ma sehhewx, u kien hemm seba' (7) '*claims*' maghmula mill-istess klijenti tas-socjeta' assikuratrici, li kienu kkancellaw il-btala taghhom minhabba sahha u dawn gew rizarciti l-ammont shih.

Illi l-kontestazzjoni f'dan il-kaz hija, jekk is-socjeta konvenuta ghandhiex tigi ritenuta responsabbli legalment ghar-rifuzjoni ta' taxxa u li f'tali sitwazzjonijiet huwa biss l-'*airline*', u cioe l-'*carrier*' li ghandu jigi ritenut responsabbli u mhux l-agent tal-ivjaggar li jkun qata' u biegh il-biljett ta' l-ajru, u li l-istess socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittimu kuntradittur ghaliex m'hijiex agent u m'ghandix ir-rapprezentanza tad-ditta estera BritishJet.com.

Minn naha l-ohra, l-atturi qed jargumentaw pero', li s-socjeta konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli in vista tal-fatt li jaffermaw li ressqu provi sufficjenti li

jindikaw li l-istess socjeta’ konvenuta kienet fil-fatt qeghda topera u tagixxi wkoll ghan-nom tal-‘*airline*’. Fil-fatt jirrizulta li kemm l-‘*airline*’ u kif ukoll is-socjeta konvenuta ghamlu zmien joperaw taht isem l-istess ditta tal-BritishJet.com, liema ditta fil-fatt kienet anke l-isem tal-‘*carrier*’. Difatti fuq il-konferma, jew fattura tal-biljetti ta’ l-ajru (*e-tickets)* u fatturi tal-BritishJet.com, li hija ndikata bhala l-‘*airline*’ in kwistjoni, wiehed isib l-indirizz u l-isem tas-socjeta konvenuta, u stante li din *si tratta*
t’ isem ta’ ditta utilizzat mis-socjeta konvenuta almenu ghal dak iz-zmien in kwistjoni, isegwi li l-istess socjeta’ konvenuta ghandha twiegeb ghat-taxxi minnhom reklamati. Mill-mod kif inhargu l-biljetti jidher evidenti li l-‘*carrier*’ kien il-BritishJet.com, u mhux isem xi socjeta’ Svizzera ohra, kif tipprova tafferma is-socjeta konvenuta. L-isem tas-socjeta Svizzera ‘Hello’ ma tinkwadra imkien fl-operat tal-BritishJet.com, almenu mid-dokumenti esebiti. Ghal kuntrarju, d-dokumenti esebiti, inkluz dawk mill-istess socjeta’ konvenuta, jindikaw lis-socjeta’ konvenuta bhala li kienet qed topera taht isem il-‘*carrier*’ BritishJet.com, u ghalhekk wiehed ghandu jiddeduci li huwa ferm kredibbli, kif ‘*dal resto’* ammess mill-istess Robby Borg, li s-socjeta’ konvenuta kienet fil-fatt qieghdha tagixxi u topera bl-isem id-ditta BritishJet.com, u kwindi in rapprezentanza tal-linja tal-ajru bl-isem ta BritishJet.com.

Illi, ghalkemm jirrizulta illi s-socjeta’ konvenuta ghandha ‘*policy*’ ta’ ‘*no refund*’, is-socjeta’ attrici kienet qed titlob it-taxxa fuq il-biljett ta’ l-ajru. Illi inghad mis-socjeta’ attrici illi huma kellhom ‘*claims*’ simili ma’ socjetajiet ohra, izda dejjem hadu l-flus lura. Qal ukoll illi l-linja ta’ l-ajru dejjem thallas lura t-taxxa. Illi mill-provi jirrrizulta illi s-socjeta’ konvenuta kienet harget xi whud mill-biljetti u li l-linja ta’ l-ajru kienet BritishJet.com.

Illi skont ix-xhieda tas-socjeta’ konvenuta, ix-xoghol taghha huwa marbut mall-ivjaggar, fis-sens illi parti mill-funzjonijiet taghha huwa li tbiegh titjiriet, kif ukoll torganizza btaliet. Intqal ukoll illi l-isem British Jet kien it-‘*tradename’* li kienet tuza s-socjeta’. Intqal illi Bargain Holidays Limited m’ghandhiex linja ta’ l-ajru taghha u m’ghandha l-ebda rapprezentanza, jew agenzija tas-

socjeta' 'Hello AG' is-socjeta' li tiggestixxi l-isem British Jet. Intqal illi huma jbieghu biss biljetti ta' l-ajru ta' British Jet u jghaddu l-flus relattivi lil 'Hello AG'. Illi jirrizulta illi minn ittra mibghuta mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili fit-8 ta' Mejju, 2007, ix-xhud Robby Borg huwa *Managing Director* ta' Britsh Jet, minghajr ma rrizulta x'tip ta' entita' hija. Is-sur Borg baqa' ma pproduciex l-ittra fuq imsemmija. Huwa jikkonferma li kien hemm zmien meta s-socjeta' konvenuta kienet topera taht id-ditta ta BritishJet.com. Barra minnhekk jistqarr li d-Diretturi u l-ishma fi hdan is-socjeta' Ingliza British Jet Limited jghajtu lilu nnifsu u lill- uliedu.

It-Tribunal jirrilleva illi l-iskop ewlieni illi klijent ihallas it-taxxa, illi din tithallas lill-Gvern tal-pajjiz bhala taxxa u jekk l-individwu ma jkunx ghamel il-vjagg, it-taxxa m'ghandhiex tithallas lill-Gvern tal-pajjiz u konsegwentement ghandu jigi rifuz lill-individwi l-ammont mhux mghoddi lill-Gvern intitolat li jircevi din it-taxxa. Ghalkemm din it-taxxa hija parti integra tal-biljett, il-hlas tat-taxxa hija meqjusa separatament mill-prezz tal-biljett ta' l-ajru '*per se'*.

It-Tribunal jirrilleva illi wara indagini ulterjuri li ghamel mall-*Malta Financial Services Authority,* wahda mill-ghanijiet tas-socjeta' konvenuta, hija illi skont l-Artiklu 3 tal-*Objects Clause* tal-*Memorandum of Association* tas-socjeta' Bargain Holidays Limited, is-socjeta' ghandha l-jedd '*to purchase, charter, hire, lease or acquire by any title, means of transportation for tourists, whether motor vehicles, boats, yachts, aeroplanes or any other means of transportation;'* Illi m'huwiex eskluz illi din is-socjeta' tista' topera bhala '*air carrier'* jew tkun propretarja ta' ajruplan, izda intqal mir-rapprezentant tas-socjeta Bargain Holidays Limited illi din is-socjeta' m'hijiex '*air carrier'*. Illi jekk is-socjeta' konvenuta m'hijiex il-'*carrier'* fil-kaz odjern ma jfissirx illi jekk il-flus inghataw lilha b'ghan specifiku jekk jirrizulta '*no show*', it-taxxa lil Gvern ghal dak il-vjagg m'ghandux ghalfejn jithallas. Konsegwentament, it-taxxa ghandha tkun rifuza lill-klijenti. Fil-fatt minn indagini li ghamel it-Tribunal sabiex jasal ghal soluzzjoni gusta tal-vertenza tal-kawza ghamel verifiki mall-*Malta Financial Services Authority*, u jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta

Bargain Holidays Limited tista’ topera bhala ‘*air carrier*’, ghalkemm intqal mis-socjeta’ konvenuta illi dan ma kienx minnu.

Illi mill-provi dokumentali jirrizulta illi Bargain Holidays Limited kienet topera bl-isem British Jet u, kemm il-biljetti ta’ l-ajru kif ukoll il-linja ta’ l-ajru, kellhom l-istess isem.

Illi minn indagini ulterjuri li t-Tribunal ghamel mall-*Malta Financial Services Authority* jirrizulta illi tezisti socjeta’ ohra registrata Malta u gestita mix-xhud kif imsemmija mix-xhud Robby Borg, u din tissejjah British Jet Limited bl-ghan specifiku li topera trasport ta’ l-ajru u li tofri servizzi bhala ‘*carrier*’. Illi s-socjeta’ British Jet m’hijiex socjeta’ estera, kif gie insinwat mix-xhieda tas-socjeta’ konvenuta, izda tezisti bhala socjeta’ registrata taht il-ligi Maltija mall-*Malta Financial Services Authority*.

Jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali illi f’xi whud mill-biljetti ta’ l-ajru hemm stampat il-kliem ‘*BritishJet.com is the tradename of Bargain Holidays Limited.’* Illi huwa fatt stabbilit illi d-dokumenti tal-BritishJet.com mahruga lill-klijenti jindikaw lis-socjeta’ konvenuta Bargain Holidays Limited u l-BritishJet.com kienu joperaw flimkien u l-indirizz dejjem kien dak tas-socjeta’ konvenuta Bargain Holidays Limited.

It-Tribual jemmen illi l-individwi li xtraw il-biljetti ta’ l-ajru ghandhom ikunu infurmati bit-taghrif kollu mehtieg u skont il-Ligi. Illi fil-fatt il-klijenti tal-biljett ta’ l-ajru kienu infurmati fl-istess biljetti illi l-linja ta’ l-ajru kienet British Jet. Il-klijenti li juzaw kwalunkwe’ linja tal-ajru ghandhom ikunu mgharrfa bid-dettalji korretti ta’ min hu l-*‘air carrier’* u biex b’hekk, jekk sussegwentement jinholoq xi dizgwid, dan jista’ jirrispondi ghalih. Din hija parti mill-‘*full disclosure policies’* ta’ kull linja ta’ l-ajru kif indikat fil-Montreal Convention tal-1999 dwar ‘*the Unification of certain rules for International Carriage.*’ It-Tribunal jemmen illi s-socjeta’ konvenuta kienet qeghda topera f’isem BritishJet.com flimkien ma BritishJet.com. Izda l-ezistenza *o meno* tad-ditta estera BritishJet.com ma gietx ippruvata, kif *del resto* ma gietx ippruvat n-ness guridiku ta’ British

Jet mas-socjeta' 'Hello AG'. Dwar id-ditta British Jet, imsemmija fil-kaz odjern, it-Tribunal jikkonkludi illi kienet qegheda issir riferenza ghal socjeta' ohra registrata Malta taht l-isem Britsh Jet Limited, bl-ghan li topera fost affarijiet ohra bhala '*air carrier'* u li hija gestita wkoll minn Robby Borg u l-familjari tieghu, izda din l-entita' m'hijiex estera kif qal l-istess Robby Borg.

Illi fil-fehma tat-Tribunal irrizulta mix-xhieda dokumentali, ezebita, li tezisti relazzjoni bejn BritishJet.com u Bargain Holidays Limited. Izda, ghalkemm is-socjeta' konvenuta eccepiet illi id-ditta Svizzera 'Hello AG' hija l-'*air carrier',* dan ma giex sostanzjat b'ebda dokument u ma jidhirlux li l-eccezzjoni giet ppruvata ghalhekk it-Tribunal ha jirrespingi din l-eccezzjoniji. Illi f'ebda mument fil-biljetti ta' l-ajru gie '*disclosed*' l-isem ta' 'Hello AG'. Illi l-isem ta' 'Hello AG' irrizulta biss mix-xhieda ta' Robby Borg, u jekk kemm-il darba l-'*air carrier'* kienet 'HelloAG', dan kellu jkun mgharraf lill-klijenti fuq il-biljetti ta' l-ajru, haga li qatt ma giet indikata f'ebda dokument, kemm fil-provi u kemm lill-klijenti.

Illi t-Tribunal jemmen illi s-socjeta' attrici ma gabet ebda prova li s-socjeta' konvenuta hija l-agent tad-ditta estera BritshJet.com u lanqas x'tip ta' entita' hija British Jet, lanqas jekk din id-ditta tezisti. Izda, ghalkemm ma gabet l-ebda prova ta' rapprezentanza, dan ma jfissirx illi s-socjeta' konvenuta ma kienetx topera bit-*tradename* ta' BritishJet.com. It-Tribunal huwa soddisfatt bin-ness bejn is-socjeta' konvenuta u li fil-fatt gie pruvat illi kienet tezisti relazzjoni bejn Bargain Holidays Limited u BritishJet.com u li fil-fatt kienu jahdmu flimkien.

Illi ghaldaqstant, b'sens ta' gustizzja u ekwita', galadarba s-socjeta' konvenuta irceviet dawn il-flus sabiex jithallsu bhala taxxa u dawn ma thallsux lill-Gvern rispettiv, il-flus ghandhom jigu rifuzi. Taxxi fuq biljett ta' l-ajru humaa indikati separatament mill-prezz ta' l-ajru u t-Tribunal jemmen illi dawn il-flus m'ghandhomx jigu goduti minn terzi, u ghalhekk ghandhom jigu rifuzi. Illi huwa minnu illi s-socjeta konvenuta Bargain Holidays Limited hija agent ta' l-ivjaggar kif ukoll tista' topera bhala '*air carrier*' skont l-

istatut ta' l-istess socjeta'. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta qed tallega li qed tbiegh biljetti ta' l-ajru tas-socjeta' Svizzera 'Hello AG' u li kienet topera taht it-'*trade name'* British Jet, din l-allegazzjoni minn naha tas-socjeta' Bargain Holidays Limited qatt ma giet ppruvata.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi mid-dokumenti ezebiti, dawn il-biljetti ma ntuzawx. It-Tribunal huwa ukoll sodisfatt illi s-socjeta' attrici Bargain Holidays Limited tagixxi bhala agent ta' l-ivjaggar u li hija s-socjeta' rappresentativa f'Malta li qieghda tirraprezenta l-'*air carrier*' BritishJet.com, u dan kif gie indikat mill-istess biljetti ta' l-ajru u *confirmation/invoice* kif stampati.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni t-Tribunal isib illi s-socjeta' konvenuta qatt ma indikat taht liema artiklu qieghda tibbaza l-eccezjoni tal-preskrizzjoni u huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-artiklu ghandu jsemma ghalhekk jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghar-ragunijiet premessi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija u hamsa u hamsin Euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€455.21) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta Bargain Holdiays Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------